# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

**Edizzjoni Nru. 2**
**Novembru - Diċembru - Jannar 2004/2005**

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt




## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonnici*



*Il-President Anthony Bonnici flimkien mal-President tal-Filarmonica Pietro Mascagni*

### Iċ-Ċentinarju - Xhieda Nisranija u Ġieħ lill-Patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra

Għadna bit-togħma tajba u b'memorji sbieħ tal-festa titulari ta' Santa Katarina Verġni u Martri u tal-festeġġamenti kbar u uniċi li għamilna flimkien sabiex infakkru l-140 sena mit-twaqqif ta' l-ewwel Soċjetà Mużikali fiż-Żurrieq, u nistgħu ngħidu li wasalna sabiex nerggħu niċċelebraw b'solennità kbira jum il-25 ta' Novembru, Jum Santa Katarina. U din is-sena nfakkru dan il-jum għażiż għalina ż-Żrieraq b'devozzjoni u solennità akbar minn tas-soltu għax dan il-jum ifakkar ukoll il-bidu tal-festi ċentinarji li jfakkru l-1700 sena mill-Martirju ta' Santa Katarina Verġni u Martri Patruna assoluta tar-raħal taż-Żurrieq.

X'għandu jfisser għalina dan iċ-ċentinarju? L-ewwel u qabel kollox irridu nkunu żguri li dak kollu li nagħmlu jkun jagħmlilna ġieħ. U jekk ikun hekk allura żgur ikun jogħġob lil Alla u jagħti qima lil Santa Katarina Verġni u Martri. Jiena nkun wieħed minn ta' quddiem nett li nirsisti sabiex il-festi esterni u soċjali tas-sena taċ-ċentinarju jkunu straordinarji. Kulħadd jaf li l-Knisja permezz tal-Kumitat taċ-ċentinarju ħejjiet programm interessanti ħafna b'attivitajiet reliġjużi, soċjali, edukattivi u kulturali li se jkunu attrazzjoni kontinwa matul is-sena taċ-ċentinarju. Issa jonqos li aħna nuru l-impenn tagħna permezz tal-parteċipazzjoni diretta u bl-attendenza tagħna. Ejjew ma nkunux passivi u nħallu lill-oħrajn jorganizzaw kollox għalina, għax la darba jgħaddi kollox jew ikollok ix-xorti tgħid li ħadt sehem attiv jew id-dispjaċir li tlift opportunità unika li żgur li qatt m' hu se jerġa' jkollok ix-xorti li tgħix f'ħajtek.

Nieħu din l-opportunità sabiex nawgura u nirringrazzja lil dawk il-persuni li għoġobhom jidħlu għar-responsabbiltà tat-tmexxija fi ħdan il-Kumitat Ċentrali u fi ħdan id-diversi sotto kumitati tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Naf li l-ħidma li għandna quddiemna hija waħda kbira ħafna u li titlob ħafna sagrifiċċju. Iżda nassigurakom li jekk naħdmu bħala tim ħadd ma jbati u flimkien niksbu l-għanijiet.

Nixtieq nappella lill-partitarji numerużi tagħna li sa issa qatt ma nkitbu bħala membri sabiex jingħaqdu mal-familja Palmista. Nappella wkoll lill-membri preżenti sabiex iħeġġu lill-familjari u ħbieb tagħhom sabiex jinkitbu membri. B'hekk is-Soċjetà tagħna tkompli tissaħħaħ u tkompli wkoll iżżid dħul finanzjarju tant meħtieġ sabiex inkomplu nwettqu l-ħidma tagħna. Din is-sena se jitkompla x-xogħol fuq l-armar tal-festa, jitkompla jissebbaħ il-każin, nimpenjaw ruħna sabiex ninstallaw lift fil-każin sabiex il-membri anzjani u bi bżonnijiet speċjali ma jsibux problema fiżika sabiex jitilgħu fis-sulari ta' fuq. Qed issir ukoll ħidma kbira sabiex jitlesta l-maħżen fejn se jibda' jiġi miżmum l-armar tal-festa. Dan ix-xogħol kollu jeħtieġ l-għajnuna fiżika u finanzjarja ta' kulħadd.

Inselli għall-membri kollha u nerġa' nappella lil dawk kollha li jaqraw dan il-ġurnal u li sa llum m'humiex membri sabiex javviċinaw lill-membri tal-Kumitat jew ta' xi sotto-kumitat sabiex jinkitbu bħala membri.

Nitolbu lil Santa Katarina Patruna tagħna sabiex tieqaf magħna f'kull nifs ta' ħajjitna u tbierek lill-poplu taż-Żurrieq.




*Sotto Kwadru fl-altar tal-Madonna tar-Rużarju fil-Katidral t'Għawdex (l-aħħar tas-Seklu 17, bidu tas-Seklu 18); pittur mhux magħruf.*

# BORD EDITORJALI:



| | |
|---|---|
| Editriċi: | Darmanin Lorna |
| Assistenta Editriċi: | Sammut Anna Maria |
| Kaxxier: | Camilleri Moses |
| Rappreżentanta Sezzjoni Nisa: | Camilleri Anna |
| Rappreżentant Sezzjoni Armar: | Darmanin Joey |
| Rappreżentant Sezzjoni Nar: | Farrugia Emanuel |
| Rappreżentant Kummissjoni Banda: | Farrugia Richard |
| Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ: | Schembri Kevin |
| Website Designer: | Cassar Mark |





Transulazzjoni Solenni, 3 ta' Settembru 2004.

# EDITORJAL

Għaddew tliet xhur u qed nippubblikaw it-tieni edizzjoni tal-gazzetta, li tidher intlaqgħet tajjeb ħafna mill-membri tas-Soċjetà. Wara li għarbilna s-suġġerimenti tagħkom, saru xi emendi żgħar fil-format tal-gazzetta sabiex nippruvaw nipperfezzjonaw il-prodott finali. Għalhekk nixtiequ aktar opinjonijiet, suġġerimenti jew proposti mingħandkom il-membri. Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk:


L-Editur,<br>
Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona,<br>
Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.,<br>
Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika,<br>
Żurrieq.


Min jixtieq jirreklama jikkuntatjana minnufih. Nixtieq niġbed l-attenzjoni biex ma jintbagħtux ittri lil xi membri tal-bord personalment. Kull korrispondenza għandha ssir permezz ta' l-indirizz t'hawn fuq. Fl-aħħar nett nixtieq nifraħ lill-kumitati l-ġodda fi ħdan is-Soċjetà tagħna u nawguralhom sena ħidma ad unur tal-patruna tagħna, aktar u aktar issa li deħlin fiċ-Ċentinarju mill-martirju tagħha.

*Lorna Darmanin - Editriċi*

## Ringrazzjament lill-Fratelli tas-Sagrament

Nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna lill-fratelli tas-Sagrament, li bħal kull sena attendew bi ħġarhom għall-funzjonijiet, speċjalment għat-Transulazzjoni Solenni li saret Lejlet il-Festa. Prosit u Grazzi.

## Appell

Matul il-jiem tal-Festa Titulari mill-21 sal-25 ta' Novembru 2004 nieħdu sehem waqt il-funzjonijiet reliġjużi li jsiru f'ġieħ il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Inħeġġu lil kulħadd biex jersaq lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin. Infakkrukom li l-Ħamis 25 ta' Novembru fil-5.30p.m. nimxu wara l-istandart tas-Soċjetà waqt it-tqegħid tal-kuruna tar-rand fuq il-Monument ta' Santa Katarina f'Misraħ Repubblika, u wara nkomplu nieħdu sehem mal-Komunità Parrokkjali. Matul dawn il-ħamest ijiem intellgħu il-bnadar, nixegħlu l-gallariji u l-festuni.

**Il-Bord Editorjali f'isem is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. jawguraw Milied Hieni u s-Sena t-Tajba lil kulhadd**


Big Bun

Daily Fresh Bread

N. Bajjada Street, Żabbar - Tel: 21 803897

Open 7 days a week 24 hours.



# Solennità ta' Santa Katarina V.M. fil-Parroċċa taż-Żurrieq

***Ftuħ taċ-Ċentinarju ta' l-1700 Sena mill-Martirju ta' Santa Katarina V.M.***
***Jiem ta' tħejjija fil-familji taż-Żurrieq mit-Tlieta 16 sal-Ħamis 25 ta' Novembru 2004***

**Il-Ħadd 21 ta' Novembru 2004 - Festa ta' Kristu Re.** Fl-4.00p.m. ningħaqdu ma' l-Insara Maltin madwar l-Arċisqof fiċ-Ċelebrazzjoni li se ssir fiż-Żejtun. Fi tmiem iċ-Ċelebrazzjoni se jitħabbar iċ-Ċentinarju li se jsir fiż-żewġ parroċċi, tingħad talba u l-Arċiprieti taż-Żejtun u taż-Żurrieq jieħdu l-Fjamma tal-Fidi mill-Blandun biex tinżamm mill-parroċċi matul iċ-Ċentinarju. It-tifsira tal-Blandun hija li bħalma Santa Katarina mxiet u tat ħajjitha għal Kristu li hu d-Dawl tad-Dinja, hekk ukoll aħna fuq l-eżempju tagħha, nimxu warajh matul din is-sena fil-komunitajiet tagħna.

**Il-Ħadd, it-Tnejn u t-Tlieta 21, 22 u 23 ta' Novembru 2004, jiem ta' tħejjija fil-Knisja.** Fil-5.30p.m. Rużarju. Fis-6.00p.m. Quddiesa, Kurunella ta' Santa Katarina, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-Relikwja u kant ta' l-Innu Popolari.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru, Jum il-Festa.** Fil-5.30p.m. tqegħid ta' kuruna tar-rand fuq il-Monument ta' Santa Katarina f'Misraħ Repubblika mill-membri tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Fis-5.45p.m. il-Komunità Parrokkjali tiltaqa' ħdejn l-Armerija. Minn hemm nimxu bħala poplu sa quddiem iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali. Fuq quddiem tinġarr il-Fjamma tal-Fidi li ġibna l-Ħadd ta' qabel mill-Festa ta' Kristu Re. Mat-triq inkantaw il-Litanija tal-Qaddisin. Kif naslu quddiem iz-zuntier jitkanta għall-ewwel darba l-Innu taċ-Ċentinarju u jinxtegħlu 305-2005 fuq il-kampnari tal-knisja. Wara, lkoll flimkien nagħmlu stqarrija ta' twemmin u nidħlu fil-knisja għall-Festa. Fis-6.15p.m. tibda' l-Quddiesa Solenni Konċelebrata bil-kant tat-Tieni Għasar tal-Martri. Il-paniġierku se jsir mill-W.Rev. Mons.Joseph Carabott. Wara l-quddiesa, l-istatwa ta' Santa Katarina toħroġ fil-bieb tal-knisja bħala bidu tal-Festi Ċentinarji, u tiġi mdawra mal-knisja. Isir il-bews tar-relikwja, repożizzjoni tar-relikwja, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u kant ta' l-Innu Popolari. Lejlet u nhar il-festa jmexxi ċ-Ċelebrazzjoni l-W.Rev. Arċipriet Dun Karm Farrugia. Jieħu sehem il-Kor Parrokkjali Cantate Domino. L-organista huwa Mro. Paul Portelli A.L.C.M., L.(Mus.)L.C.M. Il-Kor ikun immexxi minn Mro. Patri Anton Briffa O.F.M.Cap., L.L.C.M., Lic.Mus.Sacra, M.Mus.Greg.
Fit-8.00p.m. il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ minn Triq il-Kbira sa Misraħ Repubblika mmexxija mis-Surmast Francis Falzon L.(Mus.) L.C.M., L.R.S.M. X'ħin il-Banda tasal ħdejn il-Monument ta' Santa Katarina, jindaqq l-Innu Marċja "Semma' Poplu l-Vuċi Tiegħek" ta' Mro. Espedito Deguara A.(Mus.)L.C.M.

# Sotto Kumitat Armar

Għat-tieni darba se nerġa' nikteb f'din in-newsletter f'isem is-Sotto Kumitat Armar. Ma nistax ma nfaħħarx l-inizzjattiva ta' din l-gazzetta u naħseb li intom ilkoll taqblu ma' dan. Nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-kbira Qaddisa tagħna Santa Katarina tat-temp sabiħ li għoġobha ttina din is-sena, biex stajna nagħmlu festa kbira bħal ma kellna. Nixtieq ukoll nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat, u l-kumitati l-oħrajn kollha, kif ukoll lil kull min b'xi mod jew ieħor ta xi għajnuna biex il-festa tagħna saret, u saret bl-ikbar u bl-isbaħ ċelebrazzjonijiet. **GRAZZI MILL-QALB.**

Wara l-festa bdejna mill-ewwel bix-xogħol, u għalhekk se nagħti rendikont ta' dak li qed nagħmlu u bil-ħsieb li nagħmlu.
**Pedestall Ġdid.** Ix-xogħol fuq dan beda. Il-karpintier, il-bravu Charlie Schembri, beda jurina x-xogħol, filwaqt li l-iskulturi tal-injam u ta' l-istatwi ġew avviċinati u kkonfermati kollha. Id-disinjatur ħabrieki, membru tal-kumitat tagħna, Jeremy Cachia, lesta l-grandimenti kollha tal-pedestall, kif ukoll beda x-xogħol fuq is-siġar ta' jdejn l-anġli. L-arbular miexi wkoll, u għalhekk nitolbu lil kull min jixtieq jagħmel xi donazzjoni javviċina lil xi ħadd tal-kumitat. Fl-edizzjoni li ġejja nwasslulkom xi ritratti tax-xogħol.



*Il-President ta' Malta jinawgura t-Trofej il-Ġdid ta' Pjazza Repubblika*

**Maħżen.** Ix-xogħol fuq il-maħżen tkompla mill-ewwel u nisperaw li meta tkunu qed taqraw din il-gazzetta nkunu saqqafna parti mill-aħħar sular. Nistednukom tiġu ttuna l-għajnuna tagħkom u anke taraw ix-xogħol. Infakkrukom li l-ġabra tal-maħżen se tkompli minn dan ix-xahar.
**Pilandri u Siġar tal-Pjazza.** Ser isir xogħol ta' manutenzjoni u restawr fuq is-siġar u l-pilandri tal-pjazza biex jekk Alla jrid għaċ-Ċentinarju jkollna l-pjazza kompluta. Bil-ħsieb ukoll li nagħmlu manutenzjoni fuq il-pedestall ta' Santa Katarina li ntellgħu fl-aħħar marċ tat-tridu. Nixtieq nirringrazzja u nagħti prosit kbira għax-xogħol kbir u ta' l-ogħla kwalità li sar fuq it-trofej tal-pjazza. Barra dan beda wkoll xogħol ta' manutenzjoni fuq festuni tat-toroq.
**Kompetizzjoni ta' l-isbaħ faċċata/statwa.** Għall-ewwel darba din is-sena organizzajna kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata u l-isbaħ statwa. Ir-rebbieħa huma: Faċċata 1st Place Charlie Seisun (Bronja Street), Faċċata 2nd Place Sandro Borg (Carmel Street), Statwa 1st Place Catherine Desira (Pjazza Mattia Preti). Dawn ir-rebbieħa se jiġu kkuntattjati minna biex jingħataw ir-rigal. Inħeġġukom biex tibdew tippreparaw għas-sena d-dieħla għal din il-kompetizzjoni.



*It-trofej armat għall-festa 2004*

**Hi-Tea kull nhar ta' Ħadd.** Fil-Każin se jibda' jkun hemm attività ta' hi-tea u tombla għat-turisti. Dan se jsir bejn in-12.30p.m. u t-3.30p.m.
Nixtieq nagħlaq billi għal darb'oħra nirringrazzjakom u nitlobkom kull għajnuna, kemm ta' l-id, kif ukoll finanzjarja, biex inkomplu nkabbru din il-festa tant għal qalbna ddedikata lill-Patruna taż-Żurrieq. **VIVA SANTA KATARINA.**



## Sezzjoni Sotto Kumitat għan-Nar

Il-festa għaddiet, u m'hemm l-ebda dubju li kienet suċċess ieħor miksub mis-Soċjetà tagħna. Suċċess li nkiseb saħħa l-frott tal-ħidma ma taqta' xejn ta' kull sezzjoni fi ħdan l-għaqda tagħna. Suċċess miksub ukoll grazzi għall-parteċipazzjoni tagħkom il-partitarji li tagħtu għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll fiżika, fatt li jagħmel il-festa tagħna daqshekk popolari kemm fost iż-Żrieraq u dawk il-bosta li jiġu minn barra r-raħal tagħna.

Appena sabet postha l-aħħar biċċa armar fil-maħżen tagħna, bdiet mill-ġdid ħidma ntensiva fi ħdan is-sezzjoni tan-nar biex nippreparaw bil-kbir għall-festa taċ-ċentinarju f'għeluq l-1700 sena mill-martirju tal-qaddisa tagħna Santa Katarina V.M.

L-ispiża hija kbira, għaldaqstant sabiex niġbru l-fondi neċessarji ġew mnedija għadd t'attivitajiet. Kif ħafna diġa' jafu, eżatt wara l-festa sar BBQ ġewwa l-post tan-nar, li niżel tajjeb ma' kull min attenda. Saru wkoll l-ewwel 'Country Nights' għal dan l-istaġun, li bħas-soltu svolġew ġewwa l-każin. Is-sotto kumitat lesta programm t'attivitajiet varji li żgur sejrin jolqtu l-gosti ta' ħafna minnkom. Fost dawn hemm maħsub 'Country Night' għat-18 ta' Diċembru. Tkompli wkoll dik li issa saret l-ikla tradizzjonali ta' nofs in-nhar li ssir fil-25 ta' Novembru, u dik ta' l-aħħar tas-sena.

Huwa ta' mportanza li s-Soċjetà tirċievi l-appoġġ ta' kull wieħed u waħda minnkom għal dawn l-attivitajiet, sabiex inkunu nistgħu mhux biss nilħqu l-livell għoli li dejjem ilħaqna, imma wkoll in-komplu nkabbru l-ġieħ li ngawdu mad-dilettanti kollha.

Filwaqt li naghlaq dan il-ħsieb b'ringrazzjament lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribuzzjoni tagħhom, inħeġġeġ lil kulħadd biex naħdmu lkoll flimkien ħa nilħqu l-għanijiet ippjanati għas-sena li ġejja, sabiex tkun waħda memorabbli.

**Sotto Kumitat Nar.**





*Xogħol tan-Nar fil-Festa 2004*

## Rokna tan-Nisa - *Anna Camilleri*

Għeżież membri, nixtieq nirringrazzja u nagħti prosit lil kulħadd tal-festa kbira li għamilna ad unur tal-Patruna tagħna Santa Katarina. Kellna festa organizzata, kompluta u memorabbli. Dan jikkonfermawh l-eluf li ġew iżuruna fil-jiem tal-festa.

Irrid infakkar li fi Frar li ġej il-Fergħa Nisa tagħlaq 25 sena. Infatti kien fi Frar ta' l-1980 meta ġiet imwaqqfa l-ewwel Sezzjoni Nisa fiż-Żurrieq. Kienu 25 sena ta' ħidma kontinwa u ta' fejda għas-Soċjetà tagħna, u minn dakinhar sa llum aħna n-nisa beda jkollna aktar spazju u mportanza fi ħdan is-Soċjetà. Hawnhekk irrid insellem lil dawk in-nisa ħajjin u mejtin li tul dan iż-żmien kienu jagħmlu parti minn din is-sezzjoni.



*Pellegrinaġġ ġewwa d-Daħla, Rabat*

L-attivitajiet prinċipali li se norganizzaw fit-tliet xhur li ġejjin huma dawn:

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2004** - High Tea fil-Każin fis-7.15pm, fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' Sta.Katarina.
**Il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2004** - High Tea fil-Każin fis-7.00pm.
**It-Tlieta 28 ta' Diċembru 2004** - Party tal-Milied għall-anzjani il-Każin fis-2.00pm.
**L-Erbgħa 12 ta' Jannar 2005** - Coffee Morning fil-Każin fid-9.00am.

Inħeġġiġkom sabiex tattendu. Insellmilkom u minn issa nawguralkom biex inħejju ruħna għall-festi kbar li se jkunu organizzati matul is-sena li ġejja, l-1700 sena mill-martirju tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M.

## St. Catherine Website Report - *Mark Cassar*

Il-website uffiċjali ta' Sta. Katarina ġiet mogħtija dehra ġdida aktar attrajenti u funzjonali milli kien hemm qabel. Din is-site ġiet aġġornata b'aktar informazzjoni, sezzjonijiet u ritratti fejn issa wieħed jista' jsib informazzjoni fuq Sta. Katarina, informazzjoni dwar il-banda tas-Soċjetà, dati u nformazzjoni ta' l-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati, diversi ritratti, informazzjoni dwar il-festa u kif ukoll l-istorja tas-Soċjetà mill-bidu tat-twaqqif tagħha fl-1864 sal-ġurnata tal-llum. F'din is-site issa wieħed jista' jsib guestbook fejn dak li jkun jista' jibgħat kumment jew messaġġ biex ikunu jistgħu jarawh in-nies inġenerali.

Din is-site tiġi aġġornata regolarment fejn qiegħda dejjem timtela' b'aktar ritratti u nformazzjoni utli tas-Soċjetà biex b'hekk issir aktar interessanti u ħajja. Il-website tinsab kemm fil-lingwa Maltija kif ukoll tradotta għal-lingwa Ingliża. Għalhekk nistednukhom tidħlu żżuru l-website tas-Soċjetà fuq **www.stcatherineband.org.mt**



# Attivitajiet tal-Banda

**Novembru 2004**
Festa Liturġika ta' Santa Katarina V.M.
**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 8.00 p.m.**; marċ mill-Banda Santa Katarina li jibda minn Main Street (Strada Rjali) u jispiċċa fi Pjazza Repubblika.



Il-Ħames Safra tal-Banda

**Diċembru 2004 - Milied**
**Is-Sibt 25 ta' Diċembru 10.00 a.m.;** il-Banda Santa Katarina ddoqq Christmas Carols fi Pjazza Repubblika.
Ser issir ukoll Parents' Day (nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru fis-7.00p.m.) fejn xi allievi jdoqqu xi Christmas Carols fil-preżenza tal-ġenituri tagħhom.

**Avviżi:**
Tul is-sena jsir kunċert darba fil-ġimgħa.
Nhar ta' Sibt mit-8.30am sa 12.00pm isiru l-lezzjonijiet ta' l-istrumenti ta' l-injam mis-Surmast Mro F Falzon.

Nhar ta' Ħamis mill-4.00pm sas-6.00pm isiru l-lezzjonijiet tal-istrumenti tar-ram mill-Assistent Surmast Mro M Testa.

Kull min jixtieq jinagħqad mal-Banda Santa Katarina V.M. jista' javviċina lis-Surmast jew lid-delegati tal-banda.

**Ringrazzjament**
Lill-bandisti tal-post għas-servizzi li taw fil-ġranet tal-festa, fejn il-banda Santa Katarina tat is-sehem tagħha f'dawn il-ġranet:
Il-Ħadd 29/08/04; Ħruġ tal-vara min-niċċa.
Il-Ħamis 02/09/04; Merħba lill-Banda Pietro Mascagni.
Il-Ħamis 02/09/04; Programm tat-Tieni Tridu.
Il-Ġimgħa 03/09/04; Marċ filgħodu fil-Belt Valletta.
Il-Ġimgħa 03/09/04; Marċ ta' l-aħħar Tridu.
Is-Sibt 04/09/04; Marċ tat-Te Deum.
Il-Ħadd 05/09/04; Marċ tal-Prim Konċelebrant.
Il-Ħadd 05/09/04; Marċ tan-Nar.

Prosit lill-Filarmonica Pietro Mascagni tal-Programm li tat lejlet il-festa, nhar is-Sibt 4 ta' Settembru 2004 fuq il-planċier fi Pjazza Repubblika, fejn wara ġie ffirmat il-ġemellaġġ bejn il-Banda Santa Katarina taż-Żurrieq u l-Filarmonica Pietro Mascagni ta' Lucca ġewwa l-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. mill-Presidenti u s-Surmastrijiet rispettivi fil-preżenza ta' xi membri tal-kumitat. ~ *Richard Farrugia*

# L-Ewwel Soċjetà Mużikali fiż-Żurrieq - 140 Sena ta' Hidma

Din hija traduzzjoni għall-Malti tal-artiklu (li kopja tiegħu tidher hawn) li nkiteb **f'April tas-sena 1865 minn Achille Ferres u li juri biċ-ċar illi s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. tmur lura żgur sas-sena 1864**.

*"Għandna l-pjaċir inħabbru, illi f'diversi rħula tagħna, qegħdin jiġu mwaqqfa għaqdiet ta' żgħażagħ għat-tagħlim tal-mużika. Illum nirreferu biss għal dik taż-Żurrieq, li tħaddan 24 żagħżugħ, fosthom xi kjeriċi li f'inqas minn sentejn taħt id-direzzjoni tas-Surmast Luigi Carabott għamlu progress liema bħalu. Insemmu biss li matul il-festa ta' Santa Katarina li għaddiet, huma esegwew fil-knisja – sinfonija, l-innu, l-antifona, u Tantum Ergo. Matul il-jiem tat-Tridu u fil-Ġimgħa l-Kbira li għaddiet esegwew b'mod mill-aqwa, "Il Miserere", u r-Responsorji li nkitbu apposta għal dik l-okkażjoni.*
*Dan biex ma nsemmux xogħlijiet oħra li huma jdoqqu b'sengħa kbira. Hija ħaġa li ma titwemminx, illi dawn iż-żgħażagħ anqas biss kellhom bidu ta' mużika u li f'dan iż-żmien ħekk qasir huma laħqu dan il-livell. Terġa', uħud minnhom huma rġiel tax-xogħol, bla tagħlim, u għalhekk jistħoqqilhom mertu doppju. Ta' min jinnota b'sodisfazzjon illi dawn iż-żgħażagħ ma jitħarrġux biss f'mużika profana, b'detriment għal dik sagra, iżda għall-kuntrarju, huma prinċipalment, dedikati għall-mużika sagra, u ta' dan jistħoqqilhom l-akbar ġieħ. L-għaqdiet li jinbnew fuq prinċipji reliġjużi, ikunu ta' ħtieġa għall-Knisja u pajjiżna. Min-naħa tagħna aħna nheġġuhom biex jimxu 'l quddiem fil-karriera li qabdu, u x-xogħol tagħhom għad jirnexxi. Fl-istess ħin irridu nroddu ħajr lill-ħabrieki Kappillan Dun Vinċenz Schembri, li kellu s-sodisfazzjon li taħt l-awspiċji tiegħu jara tiġi mwaqqfa din is-Soċjetà, li hu tant inkoraġġixxa."*



INSERZIONE COMUNICATA

Dobbiamo accennare con molto piacere, che in alcuni nostri villaggi si stanno formando alcune società di giovani, che vanno istruendosi nell' arte musicale, a vantaggio del paese. Noi menzioniamo per ora quella di Casal Zurrico la quale è formata di 24 giovani, alcuni dei quali ecclesiastici, i quali sotto la direzione del loro bravo maestro sig. Luigi Carabott, in meno di due anni, hanno fatto un profitto straordinario e sorprendente. Ci basti il dire, che nella scorsa festività di Santa Caterina, nella Chiesa principale del Zurrico, hanno eseguito a musica ne' giorni del triduo la Sinfonia, l' inno e l' antifona della Santa, ed il *Tantum Ergo*; e nello scorso Venerdì Santo hanno egregiamente eseguito il *Miserere* e i Responsorii, scritti loro appositamente per questa circostanza, e ciò indipendentemente da altri pezzi, che eseguiscono a meraviglia. È incredibile a dirsi, che questi giovani non avessero veruno principio di musica, e che in questo breve tempo siano giunti a tale grado. Alcuni di loro poi sono gente di lavoro, non letterata; e quindi hanno un doppio merito. Ci piace però di rilevare, che questi giovani non si sono applicati ad eseguire solamente pezzi profani, a discapito della parte sacra; anzi tutto al contrario si sono dedicati principalmente al sacro, e ciò ridonda loro di grande onore; dappoichè quando simili società sono basate sui principii religiosi, esse tornano utilissime alla Chiesa e al paese. Noi pertanto gl' incoraggiamo a proseguire oltre nella carriera intrapresa, e la loro opera sarà coronata, non è dubbio, di felice successo. Nello stesso mentre ci congratuliamo col benemerito parroco del villaggio, il M. R. D. Vincenzo Schembri, il quale ha avuto il bene di vedere inaugurata sotto i suoi auspici questa società, da lui molto incoraggiata.

A. Ferres

Kopja ta' l-artiklu oriġinali ta' Achille Ferries, April 1865





# Nota amministrattiva mis-Segretarju s-Sur Josef Cachia

■ F'din it-tieni edizzjoni tan-*newsletter* tistgħu issegwu aktar mill-qrib dak li s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. qiegħda torganizza fit-tliet xhur li ġejjin b'mod speċjali fil-bidu tal-Festi Ċentinarji f'għeluq l-1700 sena mill-Martiju tal-Patruna tagħna Santa Kataina Verġni u Martri ta' Lixandra. Wara s-suċċess miksub fil-Festa li għada kif għaddiet, b'mod speċjali fl-ewwel Ġemellaġġ Mużikali li l-Banda Santa Katarina kellha ma' La Filarmonica Pietro Mascagni ta' Camporgiano mill-Italja, il-Kumitat u s-Sotto Kumitati kienu mpenjati wkoll fi tmiem sena amministrattiva qabel is-Seduta Ġenerali Annwali li saret nhar il-Ħadd 17 t'Ottubru 2004.

Is-Sibt u l-Ħadd 23 u 24 t'Ottubru saret l-Elezzjoni għall-Membri tal-Kumitat Ċentrali fejn fl-ewwel laqgħat tiegħu il-Kumitat il-ġdid mill-ewwel beda bil-ħidma tiegħu għall-Festa taċ-Ċentinarju.

Il-Kumitat il-ġdid huwa ffurmat minn: Anthony Bonnici **President**; Josef Cachia **Segretarju**; Josef Chetcuti **Teżorier**; Josef Camilleri **Viċi President**; Emmanuel Farrugia **Direttur Ġenerali**; Stephen Caruana **Ass. Segretarju**, Joe Bugeja **Ass. Teżorier**; Emmanuel Caruana **Ass. Direttur Ġenerali**; Richard Farrugia **Chairman Kummissjoni Banda**; Charlie Tanti **Chairman Sezzjoni Żgħażagħ**; Josef Barbara **Ass. Chairman Sezzjoni Żgħażagħ**; u Joe Abdilla.

Nhar il-Ħadd 31 t'Ottubru 2004 ġiet organizzata Laqgħa Ġenerali għas-Sotto Kumitati kollha tas-Soċjetà fejn flimkien mal-President, il-Kumitat u l-Presidenti Onorarji ġew diskussi diversi attivitajiet u proġetti li ser jiġu organizzati matul din is-sena. Din hija t-tieni sena li ġiet organizzata din il-laqgħa. Permezz ta' din il-laqgħa tkompli tissaħħaħ l-għaqda u l-organizzazjoni serja li biha timxi s-Soċjetà tagħna. Wieħed mill-mottivi prinċipali li għandha s-Soċjetà għal din is-sena hija li tkompli tkabbar din il-familja kbira billi qed nintroduċu sistema biex aktar membri jingħaqdu mal-lista tal-membri tas-Soċjetà.

## GĦINNA NKABBRU S-SOĊJETÀ

■ Għalkemm in-numru ta' membri huwa wieħed kbir, aħna nemmnu li dan jista' jiżdied. **Qed nagħtu nċentiv fejn għal kull membru ġdid li tipproponi u jiġi aċċettat bħala soċju, titnaqqas Lm1.00 mill-ħlas tal-menswalità tiegħek għas-sena 2005.** Ma' din il-ħarġa qed nibagħtu 3 applikazzjonijiet għall-membri ġodda. Il-ġbir ta' dawn l-appilkazzjonijiet u t-tiġdid tal-menswalità ser jibda' minn nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru 2004 sa nhar il-Ħadd 30 ta' Jannar 2005. Aħna nappellaw lilkom il-membri biex issegwu dak kollu li jinsab f'din il-gazzetta, kif ukoll għal min għandu l-faċilità ta' l-internet jista' jkun aġġornat billi jżur is-sit uffiċjali tas-Soċjetà fuq **www.stcatherineband.org.mt**

## GĦALIKOM IT-TFAL

*- Anna Maria Sammut*

■ Kif intom tfal? Qed nerġa' niktbilkom fin-newsletter maħruġa mis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina taż-Żurrieq. Kif sejrin l-iskola? L-aħħar darba li ktibtilkom konna fil-vaganzi u kienet għadha ġejja l-festa.

Ħadtu pjaċir fil-festa? Jien ninsab ċerta li gawdejtu l-festa bħalma gawdejtha jien. Kienet sabiħa ħafna u tajna gost mhux biss lin-nies taż-Żurrieq, imma wkoll lil min ġie minn irħula oħra kif ukoll lill-ħbieb tagħna Taljani.

Issa nittama li ssetiljajtu l-iskola. Agħmlu moħħkom hemm u studjaw, ħalli tkunu bravi bħal Santa Katarina. Santa Katarina kienet tistudja ħafna. Il-mama tagħha tgħidx kemm kienet tgħallimha affarijiet sbieħ, u hi kienet tieħu gost titgħallem. Fil-fatt, Santa Katarina hi kkunsidrata bħala Patruna ta' l-istudenti.

Mela meta tkunu se tagħmlu xi eżami itolbu lilha u hi tgħinkom żgur. Imma tridu tagħmlu d-dover tagħkom ukoll, billi tistudjaw u tagħmlu xogħolkom kif suppost! Illum għandna logħba oħra għalikom.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | Ħ | I | T | T | U | F | A |
| B | J | N | J | A | N | I | S |
| V | E | Ħ | N | L | P | L | U |
| Ż | X | E | M | J | T | O | R |
| U | Ċ | S | V | A | GĦ | S | A |
| R | Q | U | E | F | A | F | GĦ |
| R | M | A | R | T | R | I | W |
| IE | Z | D | Ħ | L | O | N | D |
| Q | B | GĦ | N | Q | T | H | S |
| F | I | Ż | I | K | A | U | IE |

Fil-kaxxa li hawn tridu ssibu għaxar kelmiet marbutin ma' Santa Katarina u l-istorja tagħha. Mela aqbdu lapes u fittxu sew dawn il-kelmiet. Meta tlestu, għamluha photocopy u ibagħtuha f'dan l-indirizz:

***'Kompetizzjoni għat-Tfal', Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq.***

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-ewwel edizzjoni huma: Katrin Camilleri, Lara Schembri u Deandra Caruana. Dawn se jirċievu mingħandna voucher mingħand il-McDonalds. Niltaqgħu darb'oħra. Oqogħdu bil-għaqal!



## Attivitajiet organizzati mill-Kumitat f'dawn it-tliet xhur li ġejjin

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru '04** - Marċ mill-Banda Santa Katarina wara l-funzjoni tal-Knisja.

**L-Erbgħa 15 ta' Diċembru '04** - Laqgħa għall-Aljevi u l-Ġenituri.

**Il-Ħadd 19 ta' Diċembru '04** - Ġabra b'risq is-Soċjetà u l-Festa.

**Is-Sibt 25 ta' Diċembru '04** - Marċ tal-Milied mill-Banda Santa Katarina.

**It-Tnejn 27 ta' Diċembru '04** - Party tat-Tfal fil-Każin.

**It-Tlieta 28 ta' Diċembru '04** - Attività għall-Anzjani fil-Każin.

**L-Erbgħa 29 ta' Diċembru '04** - Grand Dinner.

**Is-Sibt 15 ta' Jannar '05** - Recording ta' marċi ġodda fil-Każin.

Dawn huma parti mill-attivitajiet li ser jiġu organizzati minbarra oħrajn li tistgħu issegwu f'partijiet oħra ta' din il-gazzetta kif qed jiġu organizzati mis-sotto kumitati.

Aħna nħeġġu lill-membri sabiex jattendu għal dak kollu li ser ikun qed jiġi organizzat kemm mill-Kumitat tas-Soċjetà u l-friegħi tagħha kif ukoll mill-Kumitat taċ-Ċentinarju. Barra minn hekk fejn ikun hemm il-possibilità li wieħed jista' jipparteċipa b'xi mod, m'għandniex noqogħdu lura milli nagħmlu dan.

Nawguraw aktar paċi u ferħ f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li ser iffakru lill-Patruna Qaddisa Santa Katarina Verġni u Martri.

## Discounts u offerti għall-Membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti

Bħalma sar is-sena li għaddiet, il-membri kollha li se jħallsu l-menswalità tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti għas-sena 2005 se jkunu jistgħu igawdu minn diversi discounts u offerti li qed jingħataw ġentilment minn diversi ħwienet u ditti oħra. Wieħed jista' jgawdi minn dawn l-offerti jekk ikun Membru tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. Il-menswalità għas-Sena 2005 se tkun tista' tiġi mħallsa minnhar il-Ħadd 2 ta' Jannar 2005.

## ONE DAY FOOTBALL TOURNAMENT

**ORGANIZZAT MIS-SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI**
**NHAR IT-TNEJN 13 TA' DIĊEMBRU 2004**
**FUQ IS-SYNTHETIC GROUND TA' ĦAL SAFI.**
**APPLIKAZZJONIJIET JINĠABRU MILL-BAR TAL-KAŻIN TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M. ŻURRIEQ.**



## Palmisti Promotions - Banana Power

Sundays: 21st November 2004
19th December 2004
9th January 2005
23th January 2005

**@ St. Catherine Band Club Żurrieq**

## Katrina Merlot

L-Inbid tal-Festi Ċentinarji għall-Bejgħ is-Sena kollha mingħand il-Bar tal-Każin jew mingħand il-Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

## Palace Arena @ St. Catherine Band Club Żurrieq

Internet Cafè - Big Screen - Amusement Machines. Now you can watch the Main Italian Serie A, English Premiership & European Champions League Football Games on Big Screen.

## Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti 2004/2005

**Chairman**:- Is- Sur Charles Tanti, **Viċi - Chairman**:- Is- Sur Josef Barbara, **Segretarju**:- Is- Sur Kevin Schembri, **Assistenta Segretarja**:- Is-Sinjorina Catherine Schembri, **Kaxxier**:- Is- Sur Alfredo Mangion, **Assistent Kaxxiera**:- Is- Sinjorina Dorianne Borg, **Direttur**:- Is- Sur Omar Schembri, **Assistent Direttur**:- Is- Sur Alexander Caruana, **Assistent Direttur**:- Is-Sur Aaron West, **P.R.O.**:- Is- Sinjorina Lenise Abela, **Ko-ordinatur tal- Briju**:- Is- Sur Aaron West, **Rappreżentant tal-Briju**:- Is-Sur Alexander Caruana, **Rappreżentant tal-Briju**:- Is-Sur Omar Schembri, **Kollettriċi tal-membri**:- Is-Sinjorina Lenise Abela, **Kollettriċi tal-membri**:- Is-Sinjorina Suzanne Psaila (co-opted)



# Il-Qima u l-Imħabba lejn Santa Katarina ta' Lixandra

It-Tieni Parti

Fl-ewwel edizzjoni ta' din il-gazzetta rajna l-bidu tal-qima lejn il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. fil-gżejjer Maltin. F'din l-edizzjoni se nkomplu naraw kif tferrxet din id-devozzjoni fi żmien il-Kavallieri.

L-Ordni ta' San Ġwann ukoll kompla xegħel din l-imħabba lejn Santa Katarina f'pajjiżna, aktar u aktar għall-fatt li l-Kavallieri Taljani kellhom lil Santa Katarina ta' Lixandra bħala Patruna tagħhom. Ma rridux ninsew li l-Kavallieri Taljani, wara l-espulsjoni tagħhom mill-Palestina fl-1291 marru jħarsu l-Monasteru tal-Qaddisa fis-Sinaj, fejn mhux biss kienu jħarsu l-Monasteru, iżda wkoll lill-pellegrini li kienu jżuruh mid-dinja ta' dak iż-żmien! L-imħabba ta' l-Ordni lejn Santa Katarina ta' Lixandra kienet sa mill-bidu nett, u meta l-Ordni mar Rodi semma' għaliha sptar u knisja, u waħda mid-daħliet għal din il-belt.



*Il-Knisja ta' Santa Katarina ġewwa l-Belt Valletta*

Meta l-Ordni ta' San Ġwann ġie Malta fl-1530 ma baqax lura milli jkompli jonora l-imħabba tiegħu u tal-Maltin lejn Santa Katarina. Ftit minna forsi jafu b'affresk sabiħ li pinġa Matteo Perez d'Aleccio, imqabbad mill-istess Ordni, fil-Kamra tal-Gran Kunsill tal-Palazz il-belt fejn mat-Trinità Qaddisa, mal-Madonna, ma' San Pawl u San Ġwann Battista, hemm ukoll Santa Katarina tinterċedi għall-gżejjer Maltin kontra l-qawwa Torka!



*Il-Martirju ta' Santa Katarina, ta' Mattia Preti li jinsab ġewwa l-Knisja ta' Santa Katarina Valletta*

Mal-wasla tagħhom, il-Kavallieri marru l-Birgu, fejn għamlu l-Knisja ta' San Lawrenz il-Knisja konventwali tagħhom. Biswit din il-Knisja kien hemm diġa' kappella ddedikata lil Santa Katarina. Din il-kappella ngħatat lill-Griegi Kattoliċi li ġew minn Rodi mal-Kavallieri. Min-naħa tagħhom, il-Kavallieri mhux biss waqqfu altar lil Santa Katarina ta' Lixandra fil-Knisja ta' San Lawrenz, iżda bnew ukoll kappella ġdida lill-qaddisa qrib il-berġa Taljana. Fil-Belt Valletta, l-Ordni ta' San Ġwann ukoll waqqaf kappella lil Santa Katarina fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fejn nistgħu naraw l-għerusija tal-Qaddisa, xogħol Mattia Preti. Qabel il-kwadru ta' l-għerusija ta' Santa Katarina mill-pinzell ta' Preti, kien hemm kwadru bil-Martirju ta' Santa Katarina, xogħol Francesco Potenzano. Fil-lunetti wieħed jista' jara wkoll illum 'il- Qaddisa quddiem Massiminu u l-Qaddisa waqt il-martirju.

Biswit il-Berġa ta' l-Italja, eżatt quddiem il-Vitorja, l-Ordni bena wkoll Knisja lil Santa Katarina ta' Lixandra, magħrufa bħala Santa Caterina d'Italia. Hemm naraw pittura sabiħa tal-għerusija tal-qaddisa li ħarġet minn idejn Filippo Paladini, pittura oħra tal-martirju ta' Santa Katarina xogħol Mattia Preti, impittra fl-1659 u mibgħuta lill-Ordni bħala xempju tal-ħila tiegħu, u żewġ pitturi oħra tal-martirju u tal-Qaddisa quddiem Massiminu minn artist mhux magħruf (seklu 18; aktarx xogħol Spanjol). Fil-bitħa ta' l-istess Berġa wieħed għadu jista' jara statwa sabiħa tal-Qaddisa Patruna tal-Kavallieri Taljani. L-Ordni ta' San Ġwann kellu wkoll tliet xwieni msemmija għal Santa Katarina, mibnija fl-1519, fl-1535 u fl-1647, u żewġ biċċiet oħra tal-baħar mibnija fl-1704 u fl-1788. M'għandniex xi ngħidu li l-Ordni ta' San Ġwann kien jiċċelebra l-festa ta' Santa Katarina ta' Lixandra nhar il-25 ta' Novembru b'solennità kbira b'quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann fuq l-altar tagħha.

Lejlietha kienet toħroġ purċissjoni minn San Ġwann immexxija mill-Gran Mastru u l-Kavallieri għall-Knisja tal-Qaddisa quddiem il-Vitorja fejn kienu jkantaw il-primi vespri. Nhar il-festa kienu jsiru żewġ quddisiet solenni, waħda fuq l-altar tagħha f'San Ġwann u l-oħra fil-Knisja tal-Qaddisa. Fi tmiem il-quddiesa ta' San Ġwann, il-Viċi prijur ta' l-Ordni kien imexxi purċissjoni bir-relikwja tal-Qaddisa mill-Konkatidral għal Triq Zakkarija, tidħol fil-Knisja tal-Qaddisa, jitkanta l-Benedictus, u lura lejn San Ġwann minn Triq San Ġakbu (illum Strada Merkanti), akkumpanjata mill-Gran Mastru u d-dinjitarji ta' l-Ordni bit-torċi mixgħula f'idejhom! F'San Ġwann kien isir imbagħad il-bews tar-relikwja. Bla dubju jekk il-qima u l-imħabba lejn Santa Katarina ta' Lixandra fil-Gżejjer Maltin kienu ilhom diġa' mħawla fuq żewġ sekli, il-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann kompliet saqqiethom u ffjoriethom!



*Pittura tal-għerusija ta' Santa Katarina ta' Mattia Preti ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann Valletta*

....ikompli fit-3 edizzjoni.

Design & Printing: Tel: 21250994/3